MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 448/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Damian Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Gunju, 2010, meta hekk ordna tminn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Michelle Borg u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Ottubru 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibx lill-appellant hati ta’ l-akkuzi u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-appellant ircieva l-atti tal-akkuza u hassu ruhu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghaddiet ghad-decizzjoni taghha bhala rizultat ta’ apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha u dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti jirrizulta car li l-appellant hallas il-manteniment dovut ghax-xahar ta’ Gunju, 2010. L-appellant hallas il-manteniment f’zewg bicciet billi l-ewwel ta lill-martu cheque fl-ammont ta’ mija u hamsin Euro (€150) u fuq wara ta’ dan ic-cheque kien hemm miktub June 2010 u l-mara sarfet dan ic-cheque u qabel ma l-appellant dahal fl-Awla ta’ lill-martu cheque iehor bil-bilanc ta’ mitt Euro (€100) ukoll immarkat June 2010.
2. Illi waqt is-seduta inqala disgwiet fejn il-mara jigifieri l-kwerelanta ma ridietx taccetta l-bilanc tal-manteniment dovut ghax-xahar ta’ Gunju, 2010. Inqala disgwiet fejn minhabba xi pendenza tat-tlett xhur precedenti li l-appellant kien gja hallas ammont sostanzjali minnhom il-mara riedet taccetta dan ic-cheque ghax-xhur precedenti u mhux ghax-xhur ta’ Gunju, 2010.
3. Illi minkejja li l-kwerelanta gja sarfet ic-cheque ta’ Gunju 2010 u accettatu ma ridietx taccetta l-bilanc u l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal gimghatejn detenzjoni.
4. Illi huwa ovvju li fic-cirkostanzi li l-appellant hallas l-ammont dovut ghax-xahar ta’ Gunju, 2010 u kwindi ma ghandux jinstab hati tal-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Fil-qosor, l-appellant qed jigi addebitat illi huwa ma hallasx lil martu l-manteniment ghal Gunju 2010. F'dan ir-rikors qieghed jilmenta illi fil-fatt hallas dan il-manteniment u kienet biss martu illi ma accettatx dan il-pagament ghax-xahar ta' Gunju peress illi kien hemm pendenzi bejnithom ghax-xhur precidenti u ghazlet illi titfa' dan ic-cekk ghal dan il-manteniment ghax-xhur precedenti u mhux ghax-xahar ta' Gunju 2010. Hu x'inhu pero' fil-mori ta' dan l-appell l-appellant hallas l-ammonti dovuti lil martu u ghal dak li jirrigwardja din il-kawza martu ddikjarat illi m'hemmx aktar pendenzi bejniethom.

Ikkunsidrat:

Din hija sitwazzjoni tipika fejn konjugi fil-fazi ta' separazzjoni bejniethom jidhlu f'pika u parti tibda tinki lill-ohra billi ma thallasx dak illi huwa dovut fiz-zmien stipulat, biex imbaghad taht pressjoni jew, ghad-direttura bhal ma hu f'dan il-kaz il-pressjoni ta' detenzjoni jsir il-hlas dovut biex jigi evitat propju dik id-detenzjoni.

Din il-Qorti taghmilha cara illi ma tharisx b'simpatija lejn sitwazzjonijiet bhal dawn. Il-pre suppost guridiku ghal tal-kontravenzjoni kontemplata fl-Artiklu 338(z) tal-Kodici Kriminali hu l-ordni ghall- hlas ta' manteniment. Jekk il-persuna favur min harget dik l-ordni ghandiex introjtu iehor jew tahdimx hu rrilevanti, bhal ma hu rrilevanti wkoll l-fatt li l-imputat appella minn dik is-Sentenza li ordnat t-tali hlas ghal mantenement (Il-Pulizija kontra Joseph Galea, 3 ta' Novembru 1995). Pero' l-fatt illi l-appellant hallas fil-mori ta' dan l-appell jista' jservi bhala raguni ghal temperement fil-piena. Ghad illi m'ghandiex taghmel differenza ghal dak li jirrigwardja l-htija.

Ghalhekk kif qalet il-kawza Il-Pulizija vs Publius Said (25 ta' Settembru, 2003) "L-iskop tal-legzlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1993 (bl-emmenda tan-1996) kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikarcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur ta' l-ordnijiet, digrieti jew Sentenzi

tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi.  F’dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta’ temperiment fil-piena ...” U dan hu propju li se taghmel il-Qorti f’dan il-kaz.

Ghalhekk ghal dawn il-mottivi fil-waqt illi tilqa’ in parti l-appell ta’ l-appellant, tirriforma s-sentenza appellata tal-11 ta’ Ottubru, 2010 fis-sens illi fil-waqt illi tikkonferma dik il-parti tas-Sentenza fejn sabet il-htija, tirriforma dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal gimghatejn detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-kundizzjonijiet ta’  l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------